**Bord tal-Inġiniera**

**ATT TAL-INĠINIERA KAP 321**

Data 5 ta' Awwissu 2022

Inġinier,

Fid-dawl tal-istqarrija ċirkolata fost il-membri tal-professjoni, mill-Inġ Samuel Bonanno u Inġ Dr. Brian Micallef, il-Bord tal-Inġiniera qed iġib għall-attenzjoni tal-membri tal-professjoni il-fatti korretti.

Fl-ewwel lok, il-Bord jinnota li l-Inġiniera Bonanno u Inġ Dr. Micallef qed jammettu dak li l-Bord ilu jsostni fil-Qorti, ċioe' li l-emendi għal-liġi li l-MAPE tippretendi li dan il-Bord ma jiddiskutix, filfatt daħlu fis-seħħ aktar minn sena ilu b'liġi tal-Parlament Malti. Huma għalhekk jikkonfermaw dak li dejjem qal il-Bord li dawn il-liġijiet ma jagħmilhomx il-Bord, imma l-Parlament. Għalhekk, kawalunkwe mandat li sar kontra l-Bord sar ħażin, u ma setax iwaqqaf il-liġi.

Fil-5 ta' Novembru 2020 il-Qorti żammet lill-Bord milli jiddiskuti biss l-emendi tal-liġi, imma mhux li ma jkomplix bil-laqgħat u x-xogħol l-ieħor kollu tiegħu. Dan ġie kkonfermat mit-tieni Qorti fit-3 ta' Ġunju 2022.

Fit-tieni lok, dan il-Bord, la kiser u lanqas m'hu qed jikser ebda ordni tal-Qorti għaliex huwa, minn Settembru 2020 qatt ma ddiskuta l-emendi tal-liġi. Dan il-Bord, bħall-kumplament tal-membri tal-professjoni tal-Inġiniera, huwa soġġett għal-liġijiet tal-pajjiż, u għadu fid-dmir li jwettaq il-ħidma tiegħu skont il-liġi. Min qiegħed b'għażla tiegħu jonqos milli jattendi u jipparteċipa fill-ħidma tal-Bord, qed jonqos lill-membri tal-professjoni li eleġġewh.

Dan il-Bord jixtieq jiċċara wkoll li, kontra dak li jgħidu l-Inġiniera Bonanno u Dr. Micallef fl-istqarrija tagħhom, fid-digriet tagħha tat-3 ta' Ġunju, il-Qorti mhux talli ma qablitx magħhom, imma ċaħdet għal kollox it-talbiet li għamlu bir-Rikors tagħhom u weħħlithom anke l-ispejjeż. Il-Qorti għamlitha ċara li f'dan l-istadju tal-kawża, ma setgħetx u ma ridetx timxi kif talbuha tagħmel l-Inġiniera Bonanno u Micallef, u ċioe' li l-Bord jieqaf mill-laqgħat u mix-xogħol kollu tiegħu għaliex għadha ma semgħetx lill-partijiet kollha. Fil-fatt il-Qorti qalet hekk:

*".......Dwar l-ewwel talba pero' l-Qorti tqis li ma hijiex f'qagħda li tippronunżja ruħha dwarha mingħajr ma jkollha tindaga u tippronunjza ruħha fuq aspetti mill-mertu nnifsu li*

*preżentament jinsab pendenti quddiem din l-Qorti fil-kawża odjerna. Għalhekk ma hemm ebda lok li jingħata xi sanzjonjiet jew provvediment dwar dak mitlub f'dan l-istadju.*

*Dwar it-tieni talba jiġi rilevat li d-digriet tal-Qorti fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni kien marbut* ***biss*** *mall-ħidma tal-istess Bord fir-rigward tal-emendi għall-liġi dwar il-professjoni tal-Inginiera. Xejn aktar u xejn anqas. La hemm id-digriet ta'din il-Qorti diversament preseduta tal-5 ta' Novembru 2020,* ***dik għadha tgħodd u torbot*** *u m'hemmx lok li din il-Qorti terga' tippronunjza ruħha fir-rigward. Jingħad ukoll pero', għal kull buon fini li l-artikolu 7 tal-Att dwar l-Inginiera jelenka diversi funzjonijiet tal-Bord illi ma humiex limitati biss għall-għoti ta' pariri u rakkomandazzjonijiet lill-Ministru iżda għal diversi funzjonijiet oħra. Kwindi ċertament li r-rikorrenti ma jistgħux iwaqqfu lill-Bord milli jeżerċita' funzjonijiet oħra li għandu permessi lilu fil-liġi. Dan jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li l-mozzjoni preżentata mir-rikorrenti fis-6 ta' Settembru 2021 kienet qed titlob lill-Bord sabiex jissospendi u jwaqqaf il-laqgħat kollha tiegħu, kif ukoll il-proċeduri kollha tiegħu b'mod immedjat sakemm tiġi deċiża l-kawża mill-Qorti. Talba bħal din tmur lil hinn mill-parametri tal-mandat akkordat.*

*Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrenti fir-rikors tad-19 ta' Novembru 2021 bl-ispejjeż kontra tagħhom."*

Id-digriet sħiħ tal-Qorti jista' jitniżżel minn dan is-sit elettroniku:
https://mpwp.gov.mt/mt/Pages/Engineering-Board.aspx

Fl-aħħarnett, il-Bord tal-Inġiniera jħossu fid-dmir li jserraħ ras il-membri tal-professjoni li huwa dejjem qeda, u ser jibqa' jaqdi, il-funzjonijiet li għandu bil-liġi. Il-Bord ser jibqa' jassigura li jagħti l-*warrant* għall-eżerċizzju tal-professjoni tal-Inġiniera, lil dawk biss li jkunu akkademikament kwalifikati, u jkollhom l-esperjenza mitluba skont il-liġi.

Ma din l-istqarrija qed nibagħtulkhom kopja tal-istqarrija maħruġa mill-Inġiniera Bonanno u Dr. Micallef, kif mitlub minnhom stess.

Jack Farrugia
Segretarju

Block B, Triq Francesco Buonamici, Floriana FRN 1700 – Malta
**T** +356 2292 7205 **E** jack.farrugia.2@gov.mt
**www.publicworks.gov.mt**